**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 340/24**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Giovanni Seychell**

**Illum 29 ta' April 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Giovanni Seychell** ta' tmienja u sebgħin (78) sena, iben Gużeppi u Franġiska xebba Abela, imwieled iż-Żejtun fil-11 ta' Awwissu 1945, residenti ġewwa 9, Doreann, Triq Gużeppina Curmi, Żejtun, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 661945(M), talli nhar it-18 ta' April 2024, f'xi ħin bejn il-ħamsa (17:00hrs) u s-sitta (18:00hrs) ta' waranofsinhar, ġewwa Triq Gużeppina Curmi, Żejtun, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Bil-ħsieb li, mingħajr ma joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ryan Mallia, u/jew ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Ryan Mallia fejn wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, u dan permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu;

2. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, żamm u ġarr strument li jaqta' u bil-ponta mingħar liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, fil-ħin li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna ta' Ryan Mallia, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

5. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' Ryan Mallia sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmel ħsara lilu jew lill-ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;

6. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ 'l barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) tipprovdi għas-sigurtà ta' Ryan Mallia billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali; u sabiex f'każ ta' ħtija, għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih jew għal waħda biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti: (ii) tapplika fil-konfront ta' Giovanni Seychell kull artikolu li jiżgura kumpens jew restituzzjoni lill-vittmi tar-reati relattivi; (iii) tapplika fil-konfront ta' Giovanni Syechell id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 532A, 532B u/jew 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabilixxi l-liġi; (iv) barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-parti leża;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "D", fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[1];

Rat li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu[2];

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

## Ikkunsidrat:

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar it-18 ta' April 2024, f'xi ħin bejn il-ħamsa (17:00hrs) u s-sitta (18:00hrs) ta' waranofsinhar, ġewwa Triq Gużeppina Curmi, Żejtun, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer: (1) bil-ħsieb li, mingħajr ma joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ryan Mallia, u/jew ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Ryan Mallia fejn wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, u dan permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu; (2) u aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, żamm u ġarr strument li jaqta' u bil-ponta mingħar liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; (3) u aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, fil-ħin li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna ta' Ryan Mallia, kellu fuq il-persuna tiegħu

---

[1] Dok. "A" a fol. 9 tal-proċess.

[2] Fol. 10 tal-proċess.

xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari; (4) u aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; (5) u aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' Ryan Mallia sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmel ħsara lilu jew lill-ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali; (6) u aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ 'l barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali imputazzjoni l-Qorti għandha ssib lill-imputat ħekk ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati addebitati lill-imputat u minnu ammessi, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u li rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedottafil-konfront tiegħu.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 41(1)(a), 214, 215, 216, 217, 338(dd) u 339(d) u (e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija iżda, peress illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ hemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament il-fatt li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu fi stadju bikri tal-proċeduri u li huwa għandu fedina penali netta, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija hawn impost fuq l-imputat għall-perijodu ta' sentejn (2) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Il-Qorti mhux ser tapplika l-provvediment ta' l-Artikolu 56 tal-Kap.480 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu f'dawn il-proċeduri ma ġie esebit l-ebda strument li jaqta' u bil-ponta li ntuża jew seta' intuża fit-twettiq tar-reati addebitati lil u ammessi mill-imputat.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Ryan Mallia. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum

stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

In vista tal-ħruġ ta' dan l-Ordni ta' Trażżin, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba ai termini ta' l-Artikoli 383, 384, 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi ma rriżultax li Ryan Mallia sofra xi dannu partikolari, il-Qorti tastjeni milli tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' kumpens lill-istess Ryan Mallia. Peress illi fil-proċeduri odjerni ma ġewx nominati Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**